**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 24 ta' April 2014 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni u jagħżel waħda minnhom quddiem l-eżaminatur biex jitkellem dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin bħala gwida għall-eżaminatur biss u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

b. **L-espressjoni** (6 marki)

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

## 1. Il-festi Maltin: reliġjon jew folklor?

- Il-festi għandhom għeruq reliġjużi
- Maż-żmien daħlu l-festi ta' barra
- Għadhom festi reliġjużi?
- L-attendenza tan-nies għall-festi – l-atmosfera fil-festa
- It-turisti jfittxu l-festi Maltin
- Għad hemm posthom il-festi? Għaliex?

## 2. Fil-gwerra kulħadd tellief

- Għalfejn isiru l-gwerer?
- Teżisti gwerra ġusta?
- X'inhuma l-effetti tal-gwerer?
- Huwa possibbli li nevitaw il-gwerer? Kif?
- L-edukazzjoni għall-paċi

## 3. Id-dixxiplina fit-toroq Maltin

- Kemm huma ddixxiplinati l-Maltin fit-toroq?
- Id-dixxiplina tapplika għas-sewwieqa biss?
- Hemm sinjali tat-traffiku biżżejjed biex jgħinu lis-sewwieqa u lin-nies fit-triq?
- Pieni ħorox għal min jikser il-liġi
- L-edukazzjoni għal aktar dixxiplina fit-toroq

## 4. Il-ħbieb veri huma teżor

- X'inhu ħabib?
- Kif, fejn u meta ssibu ħabib?
- Minn xiex tagħrfu?
- Hemm differenza bejn ħbieb tal-iskola u ħbieb ta' tmiem il-ġimgħa?
- L-għażla bejn l-aħwa u l-ħbieb – l-aħwa huma ħbieb ukoll?

## 5. Il-ħin bejn studju u mistrieħ

- Taqbel li l-ħajja ta' student nistgħu naqsmuha fi tnejn: studju u mistrieħ? Għaliex?
- X'bilanċ għandu jkun hemm bejn it-tnejn?
- Hemm limitu ta' kemm għandna nistudjaw kuljum?
- X'hemm tajjeb u x'jista' jkun hemm ħażin jew perikoluż fil-ħin tal-mistrieħ?
- Liema huwa l-aħjar mod kif tgħaddi l-ħin tal-mistrieħ?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 25 ta' April 2014 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni u jagħżel waħda minnhom quddiem l-eżaminatur biex jitkellem dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin bħala gwida għall-eżaminatur biss u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

b. **L-espressjoni** (6 marki)

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. Il-ġirien

- Min huma l-ġirien?
- Il-ġirien – tiżwiqa ta' karattri
- Kif inħares lejn il-ġirien tat-triq tiegħi?
- X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jkollok il-ġirien?
- Il-pajjiżi ġirien

## 2. L-għira

- X'inhi l-għira?
- X'jikkawża l-għira?
- Għal xiex tista' twassal l-għira?
- L-għira bejn il-miżżewġin, l-aħwa, il-ġirien, kollegi fuq il-post tax-xogħol, eċċ.
- Teżisti għira pożittiva?

## 3. L-imħabba lejn l-annimali

- L-annimali ħolqien t'Alla wkoll
- Annimali domestiċi u annimali selvaġġi
- Xi annimali huma ta' għajnuna kbira għall-bniedem
- Diversi għaqdiet jaħdmu favur l-annimali
- Issib min ma jurix imħabba lejhom, anzi ssib min jaħqarhom
- Liġijiet u pieni aktar ħorox u edukazzjoni fl-iskejjel

## 4. Il-bniedem fitt

- Sens pożittiv ta' "fitt" – xi ħadd li jħobb il-perfezzjoni
- Il-vantaġġi ta' bniedem fitt f'dan is-sens – ħaddiem fuq ix-xogħol, student, eċċ.
- Xogħol li jirrikjedi fittaġni, pereżempju, kirurġija, min jaħdem in-nar, eċċ.
- Sens negattiv ta' "fitt" – xi ħadd li jdejqek
- L-iżvantaġġi ta' bniedem fitt f'dan is-sens – nuqqas ta' ħbieb, bla paċenzja, eċċ.
- Il-fittaġni żejda tista' taqla' ħafna inkwiet

## 5. Naf ngħid *jekk jogħġbok, grazzi, skużi*?

- Taħseb li għadha moda ngħidu kliem bħal dan?
- Epoka mgħaġġla, epoka teknoloġika
- Taqbel li għandna naċċettaw li nkunu vittmi ta' din l-għaġla kollha?
- Huwa possibbli/tajjeb/aħjar li nerġgħu lura lejn ħajja ta' ċerta sempliċità?
- Taħseb li jekk tiskuża ruħek ikun ifisser li inti dgħajjef/dgħajfa?
- X'effetti jista' jkollu dan il-kliem (jew in-nuqqas tiegħu) fuq ħaddieħor?

**AM 22/Iok1.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 24 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-FESTI MALTIN: RELIĠJON JEW FOLKLOR?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok1.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 24 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# FIL-GWERRA KULĦADD TELLIEF

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok1.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 24 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# ID-DIXXIPLINA FIT-TOROQ MALTIN

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Iok1.14m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 24 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-ĦBIEB VERI HUMA TEŻOR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok1.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 24 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-ĦIN BEJN STUDJU U MISTRIEĦ

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok2.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 25 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-ĠIRIEN

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok2.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 25 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## L-GĦIRA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok2.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 25 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-IMĦABBA LEJN L-ANNIMALI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok2.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 25 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-BNIEDEM FITT

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok2.14m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 25 ta' April 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## NAF NGĦID *JEKK JOGĦĠBOK, GRAZZI, SKUŻI*?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 17 ta' Mejju 2014 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

1. IL-KOMPONIMENT (15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

a. It-tagħlim tal-ilsna fl-iskejjel Maltin

b. Pjaċir bla mitlub nofsu mitluf. Taqbel?

ċ. Il-kawżi tal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol

d. Xi jfittxu t-turisti waqt btala f'pajjiżna

e. Il-poplu Malti poplu li jgerger imma b'qalb ġeneruża

f. L-effetti tar-reklami

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

2. IT-TRADUZZJONI (5 marki)

*Agħmel traduzzjoni xierqa b'Malti idjomatiku ta' din is-silta:*

Man first settled permanently on Malta in Neolithic times, around 7000 years ago. From that day to the present, Malta has seen great changes. The early inhabitants started cutting down trees for firewood and cleaning land for agriculture. They introduced sheep and goats, whose grazing prevented regeneration of trees. This ceaseless activity eventually led to the destruction of Maltese indigenous woodlands. However, the effects of human activity on the land were never as devastating as in the last fifty years. Progress has led to the destruction of much agricultural land for development.

(Addattata minn *Wildlife of the Maltese Islands* ta' J. Sultana u V. Falzon)

3. IL-LINGWISTIKA MALTIJA (10 marki)

*Agħżel mistoqsija **waħda**:*

a. Il-bdil fit-tifsir tal-kliem ġej minn diversi kawżi. Ikkummenta b'referenza għall-ilsien Malti.

b. Ikkummenta, b'eżempji xierqa, dwar id-differenza li tgħaddi bejn morfema libera u morfema marbuta b'referenza għall-ilsien Malti.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 17 ta' Mejju 2014 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
### Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Mhux il-poeti Maltin kollha raw il-pajsaġġ Malti mill-istess angolu. Iddiskuti b'referenza għall-poeżiji ta' diversi poeti fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*.

b. L-imħabba u r-rispett lejn il-poplu Malti spikkaw f'ħafna xogħlijiet tal-poeti Maltin, anke meta dawn ikkritikaw id-difetti li raw fih. Ikkummenta.

## TAQSIMA B
### Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Pawlu Aquilina juri sensittività kbira lejn in-natura. Ikkummenta dwar dan b'referenza għall-poeżiji li studjajt fil-monografija ddedikata lilu.

b. Ikkummenta dwar il-kuntest soċjali lokali u universali li joħroġ fil-poeżiji ta' Pawlu Aquilina li nsibu fil-monografija.

ċ. Ikkummenta dwar kif tidher Maria Grech Ganado bħala mara u omm fil-poeżiji miġbura fil-monografija ddedikata lilha.

d. Il-poeżiji ta' Maria Grech Ganado li nsibu fil-monografija jixhdu kemm il-ħajja għaliha ma kinitx ward u żahar. Ikkummenta.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Poeżija)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' **waħda** minn dawn iż-żewġ poeżiji:*

(a) **L-GĦOLJA**

Telgħin,
Bla serħ, bla nifs, bla saħħa,
Fuq wiċċhom l-għeja ta' min qed ibati,
Ta' min għax ħabb u għaliex ġarrab bosta
Fid-dinja biss hu ħati.

Qalila, imwiegħra l-għolja
Miżgħuda ħofor, minsuġin bl-għolliq,
Mimlija siġar kbar, koroh u suwed
Li jarmu waħx u dieq.

Jidrob il-blat fejn jirfsu waqt il-mixi,
Jimla riġlejhom bit-tbenġil u d-dmija,
Jidħol f'ġisimhom, iqattagħhom,
F'agonija t'uġigħ u ta' tbatija.

Jinżel fuq ġbinhom l-għaraq għal fuq wiċċhom,
Uċuħ magħluba sħiħ u safranin
Bis-sfura kiebja u tagħfaslek qalbek
Li tidher fil-mejtin.

Qalila, imwiegħra l-għolja
'Ma huma miexja lkoll it-telgħa tagħha,
Bla serħ, bla nifs, bla saħħa.

Telgħin.
Joħorġu lpup u dbieb minn qalb is-siġar,
Joqtluhom, ibiċċruhom
U fuq il-blat tal-għolja jitilquhom;
Oħrajn uħux tal-biża' dlonk jaqbduhom
U lilhom jagħ'lqu ġo għerien mudlama
Fejn tmut għal dejjem tal-Ħelsien kull tama.

X'jimporta!
Oħrajn ikomplu t-triq li qabdu huma
U meta t-tmiem ukoll fl-aħħar jaslilhom
B'idhom 'il fuq, mixħuta fl-art, mifnija,
Lil sħabhom juru t-triq li għad fadlilhom.
U tielgħa, tielgħa, tielgħa,
Bir-rieda mħeġġa ta' rikkieb f'tiġrija
Li jara l-bhima tiegħu għadha lura
U tal-oħrajn bikrija.
Hemm bħal qawwa moħbija ġewwa demmhom
Li tmexxihom, tlebbithom, terfagħhom
Sabiex jaslu sa fl-aħħar u jirbħu
L-imdawla quċċata
Tal-Ideali tagħhom.

Ġorġ Pisani

**JEW**

(b) **JIEN U INT**

Ħabib, meta ħerqan fuq it-tmun tiegħek
Tgħarrex għall-kewkba li ddawwallek triqtek,
Kun af hekk nagħmel jien; jien ngħarrex miegħek;

U meta msaħħar tħossok bil-ħolqien,
Jew tmissek b'idha ż-żewqa tan-Natura,
Tinsiex li dak li tħoss inħossu jien:

Il-ħerqa għall-ħelsien, tal-ferħ id-dija,
In-nisġa tat-tiġrib imlewwen tiegħek,
L-imwiegħer kollu xewk f'waqtiet waħxija.

Naqsmu flimkien is-sliem u d-dawl tat-Tama,
Is-Serħ wild it-Twemmin, u l-hena tiegħu,
Il-ħlewwa tal-Imħabba f'qalb daħkana;

U jekk tiddellel b'xi ħajbur mill-fidi,
Issejjaħ trid ilbieraħ, jew li mħabbtek
Terġa' mill-mewt, hawn tista' taqbad m'idi!

Jonfħu l-irjieħ kontrik, ħabrieki u ħili!
Jekk qatt tarak mitluf, f'baħar madwarek,
Xi mkien fid-dgħajsa tiegħek tara lili;

U jekk int tħossok bħal għarib mal-ħajja,
Qed jgħibu ħbiebek bħall-erwieħ ġo ħolma,
La taqtax qalbek; fittex ejja wrajja!

Joe Zammit Tabona

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 20 ta' Mejju 2014 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A

### Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant jippreżenta ambjent moralment imħassar fejn suspetti u akkużi jiddeterminaw il-ħajja kollha tal-karattri. Iddiskuti billi turi kif dan jidher mill-mod kif il-karattri jitkellmu u jaġixxu.

b. Biex jasal għall-qofol tal-ħsieb tiegħu Alfred Sant jibni d-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* fuq il-mod kif il-karattri jġibu ruħhom ma' xulxin u jispiċċaw ukoll biex jinfluwenzaw lil xulxin. Iddiskuti dan billi tirreferi għall-ħsieb u għall-azzjoni tal-karattri.

ċ. *Menz* ta' Francis Ebejer jistħarreġ il-personalità ta' raġel twajjeb u sempliċi li jixtieq biss li jżomm l-identità tiegħu, waqt li l-qawwiet soċjali jfittxu li jaħkmu fuqu u jbiddluh kif jidhrilhom. Iddiskuti d-dramm f'dan id-dawl.

d. Ir-relazzjoni bejn Menz u l-oħrajn, bejn il-wieħed u l-kotra, hi t-tema tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer. Iddiskuti.

## TAQSIMA B

### In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Iddiskuti t-tema tal-konflitt bejn individwi kif ukoll bejn ġenerazzjonijiet differenti f'*Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri.

b. F'*Ħala taż-Żgħożija* Lino Spiteri jirrakkonta b'mod li juri li l-ħajja hi taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin. Il-karattri tiegħu jingħarfu bħala nies li jridu jagħżlu. Iddiskuti.

ċ. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer joffri kwadru ta' soċjetà kif ukoll ta' karattru li jikber u jiżviluppa ruħu f'dan il-kwadru. Iddiskuti kif l-awtur jara lil Leli u lill-ambjent tiegħu.

d. Ġużè Ellul Mercer mhux biss jikteb imma wkoll jikkummenta. Ir-rumanz huwa taħlita ta' deskrizzjonijiet u riflessjonijiet. Iddiskuti *Leli ta' Ħaż-Żgħir* fid-dawl ta' din it-taħlita.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Proża)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' **waħda** minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża:*

### (a) Ġurnata Mċajpra

Għalkemm il-ġurnata sebħet kemxejn imċajpra, biss kienet diġà tidher illi se tikkompeti sewwa ma' ħutha għaliex il-longa tas-sħana kienet diġà bdiet tinħass. In-nida ta' billejl kienet nieżla u tiżżerżaq bil-mod il-mod mir-renju li kellha fuq il-petali sofor tas-siġar tal-frott. Is-sriedak taz-ziju kienu diġà bdew jiddnu u jwerżqu u dehru li bdew iħabbtuha sew mal-inbiħ ta' Bubu. Cinky kienet bakkret kmieni wkoll u kienet qiegħda ddur u tagħqad ġol-kamra tal-aħwa, taqbeż minn sodda għal oħra. Anki z-ziju kien stenbaħ kmieni dakinhar. Infatti, tkeffen fi ħwejġu u bakkar għall-quddiesa tal-ewwel.

Biss it-tliet aħwa kienu għadhom reqdin bħal ċomba f'sodditħom u joħolmu l-isbaħ ħolm. Il-lejl ta' qabel kienu damu mqajmin – bejn jindagaw x'kien fiha l-kaxxetta misterjuża li kien sab Mark, u bejn jhewdnu u jiftiehmu fuq kif kienu se jibdew janalizzaw is-sitwazzjonijiet kollha marbutin mal-fanal, kienu skorrew nofsillejl żgur. Il-fannijiet li kienu qegħdin iduru fuqhom kienu aktar qegħdin iħeddluhom u jdaħħluhom fil-muża tal-irqad. Anki dik iż-żiffa ta' dik l-għodwa li kienet dieħla minn bejn il-purtieri tal-kamra u tgħarrax xagħar it-tliet aħwa, ma tantx kienet tgħinek tinqala' mis-sodda. Għal mument donnhom l-aħwa kienu nsew il-biċċa xogħol li ppjanaw il-ġurnata ta' qabel. Hekk jew hekk kienu għadhom lanqas daqqew is-sebgħa!

Kif Cinky bdiet tara illi l-aħwa kienu qegħdin jeħduha fit-tul u jitnikkru fis-sodda, bdiet taqbeż u togħla fuq saqajn Mark. Mark beda jiċċaqlaq u bejn uff 'l hemm u aħħ 'l hawn, wara ftit tal-ħin kien fuq saqajh.

(Minn *Il-Fanal tas-Sinjur* ta' Ivan De Battista)

**JEW**

### (b) L-Għaqal ta' Ħaddiem

Għaddiet l-ewwel ġimgħa, u t-tieni, u t-tielet, u magħhom għebu tgħidx kemm-il tama u ħolma li, bħal kewkba feġġa, dawlu għal ftit sigħat ix-xefaq sewdieni u mgħajjeb ta' Nerik Kassar. Hu ma kienx iblah u, bi tbissima ta' mogħdrija, kull meta kien jaqbad lilu nnifsu joħlom imqajjem, u jittajjar ferrieħi fuq il-ġwienaħ irqaq u dgħajfa ta' xewqatu, kien iliġġem ruħu u jwissiha (qisu għandu f'idejh tarbija tarja xi jħares u xi jmexxi fit-triq it-tajba) biex ma temminx li sa jilħaq fi ftit jiem, f'art barranija, dak li ma seħħlux jikseb f'xiber artu. U għalkemm mhux darba u tnejn qara mlebleb fuq ix-xorti li messet lil ħaddiema bħalu, fqajrin u maħqura minn risqhom, bħalu mwarrbin qalb ġenshom u bit-togħma qarsa tal-ġuħ f'ħalqhom, li mix-xejn, tarġa tarġa, bil-qawwa biss tar-rieda u tal-għaqal, waslu fil-quċċata tas-setgħa u saru milord, hu la basar u anqas stenna li sejjer jilħaqhom. Hu ma kienx rgħib, ma riedx daqshekk. Ried biss isib ix-xogħol, jibda jaħdem, jiġma' xi ħaġa u mbagħad jerġa' għal Malta jieħu 'l dik li rabtet qalbha miegħu u, b'sabar ta' qaddisa, qagħdet tistenna l-waqt li tiżżewġu.

"Mur," kienet qaltlu, b'leħenha ħlejju maħnuq bid-diqa, "mur, u Alla jżomm idejh fuqek. Qalbi tkun miegħek u ma nixbax nistenniek, ukoll jekk naf li xagħri jibjad u wiċċi jimtela tikmix." U wara ftit, bi tbissima u b'ħarsa li regħduh, saqsietu, "Tkun tridni, imbagħad?"

Hu baza' jweġibha bil-kliem li ma jmurx jinfaqa' f'bikja quddiemha, u għafsilha idha u rasshielha ma' qalbu bil-ħerqa.

(Minn *L-Oħla Kelma!* ta' Ġuze' Bonnici)